**6 ta' Novembru, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A.,F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Joseph Degabriele

*versus*

Victor Vella u Carmen Scerri

## Kompetenza - Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

*Riportata għall-kompjetezza tal-kronaka, il-Qorti ta' l-Appell sabet illi l-konvenut ma kienx kummerċjant u għalhekk iddikjarat definittivament kompetenti il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur wara li ppremetta li hu esegwixxa għall-konvenut xogħol ta' kostruzzjoni kif jidher mill-annessa kont 'A' li minnu l-konvenuti għad fadlilhom iħallsu l-ammont ta' Lm942.99 (disa' mija u tnejn u erbgħin lira u disa' u disgħin ċenteżmu) kif jidher mill-prospett anness u markat Dok. B; u peress illi l-konvenuti qegħdin jonqsu milli jħallsu dan il-bilanċċ billi jirritjenu li hemm xi xogħol li ma jogħġobhomx mentri kull difett anki żgħir ġie diġà kalkolat fil-kont rilaxxjat u esebit bħala Dok. A; u peress illi l-attur kien ukoll silef lill-konvenut Victor Vella l-ammont ta' Lm600 (sitt mitt lira), liema ammont kellu jitħallas lura b'xogħol

ta' l-għamara iżda li sussegwentement il-partijiet ftehmu illi kellu jitħallas lura f'kontanti, iżda l-konvenut issa reġa' ppretenda li jħallsu lura f'għamara; u peress illi l-attur mhux ppreparat jieħu l-istess flus taħt forma ta' għamara iżda għandu dritt jirreklama r-ritorn ta' l-istess fi flus kontanti; l-istess attur talab lil dik il-Qorti (1) tordna lill-konvenuti jħallsu lill-attur il-bilanċċ rimanenti ta' Lm942.99 jew kull ammont ieħor li jiġi likwidat minn dik il-Qorti; u (2) tordna lill-konvenut Vella jħallas lill-attur l-ammont ta' Lm600 (sitt mitt lira) import ta' self *brevi manu* dovut lill-konvenut kif fuq ingħad; bl-interessi u bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' qbid tat-8 ta' Ġunju, 1983 kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha *inter alia* eċċipew l-inkompetenza *ratione materiae* ta' din il-Qorti billi ħadd mill-konvenuti ma huwa kummerċjant u id-dar *de quo* kellha tkun id-dar konjugali u mhux intiża għal xi negozju;

Rat id-deċizjoni ta' dik il-Qorti tat-8 ta' Marzu, 1985, li permezz tagħha dik l-istess Qorti laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza sollevata mill-konvenuti, ddikjarat ruħha inkompetenti li tkompli tisma din il-kawża *ratione materiae* u ordnat li l-atti kollha tal-kawża jiġu trasmessi lil din il-Qorti fi żmien sebat ijiem permezz tar-Reġistratur a tenur ta' l-artikolu 779 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u dan wara li kkunsidrat:

Illi mill-provi mismugħa irriżulta li iż-żewġ konvenuti fiż-żmien ta' l-esekuzzjoni ta' l-appalt in kwistjoni kienu impjegati u li issa l-konvenuta żżewġet u m'għadiex impjegata iżda qiegħda d-dar;

Irriżulta ukoll li l-konvenuti qabbdu lill-attur jibnilhom id-dar in kwistjoni mhux bl-iskop ta' spekulazzjoni kummerċjali iżda sempliċement għax riedu jakkwistaw dar biex wara li jiżżewġu joqgħodu fiha;

Irriżulta wkoll li l-konvenut apparti l-impieg tiegħu, jagħmel xi xogħol ta' mastrudaxxa fil-*garage* tal-istess dar. Hu m'għandux ħanut hemm u dan ix-xogħol jagħmlu għal xi nies li jkun jaf. Il-provi dwar din l-attività tal-konvenut ma huma xejn dettaljati fis-sens li ma ġiex provat li fl-eżerċizzju ta' din l-attività, il-konvenut jagħmel attijiet tal-kummerċ fis-sens tal-liġi;

Illi fid-dawl tal-fatti fuq esposti, jidher li l-eċċezzjoni tal-konvenuti hi ġustifikata għaliex ħadd mill-konvenuti ma huma kummerċjanti u hu evidenti li l-appalt in kwistjoni jidher minnu nnifsu stess li fil-konfront tal-konvenut, ma kellu x'jaqsam xejn mal-kummerċ;

Rat a fol. 42 tal-proċess il-verbal dwar l-introduzzjoni ta' l-atti f'din il-Qorti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-ebda wieħed jew waħda mill-konvenuti ma huwa kummerċjant. Infatti l-konvenut Victor Vella huwa mpjegat bħala *cutter* fil-fabbrika *Castellana* u l-konvenuta kienet impjegata mal-Gvern sakemm iżżewġet, u wara ż-żwieġ telqet mill-impieg;

Jirriżulta wkoll illi l-konvenuti bnew id-dar in kwistjoni

biex immorru jabitaw fiha, u infatti llum hija d-dar ta' l-abitazzjoni tagħhom. Minn imkien ma jidher li huma bnew din id-dar b'xi skop ta' spekulazzjoni;

Fil-każ preżenti, għalhekk, jirrikorru l-presupposti kollha ta' dritt u ta' fatt għall-eċċepita nkompetenza, u għallhekk tiddikjara definitivament li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża hija l-Onorabbili Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u għalhekk fit-termini ta' l-artikolu 779 (4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tordna li l-attijiet tal-kawża jintbgħatu lil dik il-Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.